**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 18 ta' Frar 2002.**

**Pulizija**
**Spettur Mario Bonnici**

**Vs**

**Christian Zahra.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christian Zahra ta' 27 sena, iben Louis u Giovanna nee' Sultana, mwieled il-Pieta', nhar l-14 ta' Frar 1974, u residenti fil-fond numru 27, Triq Santa Rita, Tas-Sliema, bin-numru tal-karta tal-identita' 152974(M);

Talli nhar it-tlettax ta' Dicembru 2001, f'xi hin bejn it-tmienja u nofs ta' filghodu u s-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofs inhar, minn tas-Sliema, ikkommetta serq ta' telefon celulari, "remote control" ta' stereo, cheque book u dokumenti ohra minn gewwa vettura ta' ghamla Pajero bin-numru tar-registrazzjoni ABG 965, ghad-dannu u kontra l-volonta' tas-sid Joseph

Muscat Azzopardi, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100) izda mhr l-elf lira maltin (Lm1000), bix-xorta ta’ haga misruqa, u mezz.

b) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara volontarja fl-istess vettura, billi kisser il-‘quarter window’ ta’ l-istess vettura, liema hsara li tammonta ghal inqas minn hamsin lira maltin (Lm50), saret ghad-detriment ta’ sid il-vettura Joseph Muscat Azzopardi.

c) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxuwhom.

d) Talli sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien diga’ nstab hati u kkundannat ta’ reati ta’ serq aggravat, liema reati nstab hati taghhom mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta nhar id-29 ta’ Jannar 2001 u nhar it-2 ta’ Awissu 2001, liema sentenzi ma’ jistghux jigu mibdula jew imhassra.

e) Talli kkommetta reat, bi ksur ta’ sezzjoni 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, nhar id-29 ta’ Jannar 2001.

Wara li rat l-Artikoli 261 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Christian Zahra hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur tal-artikolu 9, kif ukoll qeghda tapponta lil Godwin Steer Probation Officer, a tenur tal-artikolu 5, bil-patt illi jaghmel programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni tad-droga.

Il-Qorti, spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.